- (13) Il-miżuri previsti f'din id-Direttiva jikkonformaw mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Animali,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

L-Anness I għad-Direttiva 91/414/KEE huwa emendat skont l-Anness ta' din id-Direttiva.

Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom jadottaw u jipubblikaw sa mhux iktar tard mill-31 ta' Jannar 2012 il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Għandhom minnufih jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test ta' dawn id-dispożizzjonijiet u tabella ta' korrelazzjoni bejn dawn id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

Għandhom japplikaw dawn id-dispożizzjonijiet mill-1 ta' Frar 2012.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati minn din ir-referenza fil-ħin tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif għandha ssir din ir-referenza.

Artikolu 3

1. L-Istati Membri, fejn meħtieġ, u fi qbil mad-Direttiva 91/414/KEE, għandhom jemendaw jew jirtiraw l-awtorizzazzjonijiet eżistenti għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom l-ażimsulfuron bħala sustanza attiva sal-31 ta' Jannar 2012.

Sa dik id-data għandhom b'mod partikolari jivverifikaw li jkunu sodisfatti l-kundizzjonijiet fl-Anness I għad-Direttiva li jikkonċernaw l-ażimsulfuron, bl-eċċezzjoni ta' daww identifikati fil-parti B tar-referenza li tikkonċerna din is-sustanza attiva, u li d-detentur tal-awtorizzazzjoni jkollu fidejha, jew li jkollu aċċess għal, dossier li jissodisfa r-rekwiżiti tal-Anness II ta' din id-Direttiva skont il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 13 tal-istess Direttiva.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, għal kull prodott awtorizzat għall-ħarsien tal-pjanti li fih l-ażimsulfuron bħala l-unika sustanza attiva jew inkella bħala waħda minn bosta sustanzi attivi li jkunu lkoll elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE sa mhux aktar tard mill-31 ta' Lulju 2011, fejn hemm bżonn l-Istati Membri għandhom jevalwaw mill-ġdid il-prodott biex jitqiesu l-iżviluppi li jkunu saru fit-tagħrif xjentifiku u tekniku skont il-prinċipji uniformi previsti fl-Anness VI tad-Direttiva 91/414/KEE, fuq il-bażi tal-fajl li jissodisfa r-rekwiżiti tal-Anness III ta' dik id-Direttiva u billi titqies il-parti B tal-annotazzjoni fl-Anness I ta' dik id-Direttiva li tikkonċerna l-ażimsulfuron. Fuq il-bażi ta' dik il-valutazzjoni, għandhom jiddeterminaw jekk il-prodott jissodisfax il-kundizzjonijiet stabili fl-Artikolu 4(1)(b), (c), (d) u (e) tad-Direttiva 91/414/KEE. Wara dik id-determinazzjoni, fejn ikun meħtieġ, l-Istati Membri għandhom jemendaw jew jirtiraw l-awtorizzazzjoni sal-31 ta' Lulju 2015.

3. B'deroga mill-paragrafi 1 u 2, għal kull prodott awtorizzat għall-ħarsien tal-pjanti li fih l-azimsulfuron bħala waħda minn bosta sustanzi attivi li jkunu lkoll elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE sa mhux aktar tard mill-31 ta' Lulju 2011, u li mill-inqas waħda minnhom tkun ġiet inkluża fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE bejn l-1 ta' Jannar 2009 u l-31 ta' Lulju 2011, l-Istati Membri għandhom jevalwaw mill-ġdid il-prodott skont il-prinċipji uniformi previsti fl-Anness VI tad-Direttiva 91/414/KEE, fuq il-bażi tal-fajl li jissodisfa r-rekwiżiti tal-Anness III ta' dik id-Direttiva u billi titqies il-parti B tal-ann-otazzjoni fl-Anness I ta' dik id-Direttiva li tikkonċerna l-azim-sulfuron. Fuq il-bażi ta' dik il-valutazzjoni, għandhom jiddeter-minaw jekk il-prodott jissodisfax il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4(1)(b), (c), (d) u (e) tad-Direttiva 91/414/KEE.

Wara li tkun saret din id-determinazzjoni, l-Istati Membri għandhom, fejn ikun meħtieġ, jemendaw jew jirtiraw l-awtorizz-azzjoni sal-31 ta' Lulju 2015 jew sad-data ffixxata għal din l-

emenda jew dan l-irtirar fid-Direttiva jew Direttivi rispettivi li żiedu s-sustanza jew is-sustanzi rilevanti fl-Anness I tad-Di-rettiva 91/414/KEE, skont liema waħda tkun l-aktar reċenti.

Artikolu 4

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Awwissu 2011.

Artikolu 5

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Awwissu 2010.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

ANNEX

Fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE, ir-ringiela Nru 5 hi sostitwita b'dan li ġej:

Nru	L-isem Komuni, In-Numri ta' Identifikazzjoni	Isem skont l-IUPAC	Il-purità ⁽¹⁾	Dħul fis-seħħ	Skadenza tal-inklużjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
"5	azimsulfuron CAS Nru 120162-55-2 CIPAC N° 584	1-(4,6-dimetoxipirimidin-2-yl)-3-[1-metil-4-(2-metil-2H-tetrazol-5-yl)-pirażol-5-ylsulfonyl]-urea	≥ 980 g/kg livell massimu tal-impurità fenol 2 g/kg	fl-1 ta' Awwissu 2011.	fil-31 ta' Lulju 2021.	<p>PARTI A</p> <p>L-użi bħala erbiċida biss jistgħu jiġu awtorizzati.</p> <p>Applikazzjonijiet mill-ajru ma jistgħux jiġu awtorizzati.</p> <p>PARTI B</p> <p>Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi tal-Anness VI, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport tar-reviżjoni dwar l-ażimsulfuron u b'mod partikolari l-Appendiċi I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fid-9 ta' Lulju 2010.</p> <p>F'din l-evalwazzjoni globali l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari għall-:</p> <ul style="list-style-type: none"> — ħarsien ta' pjanti li mhumiex fil-mira; — possibbiltà ta' kontaminazzjoni tal-ilma ta' taħt l-art, meta s-sustanza attiva tiġi applikata f'reġjuni b'kundizzjonijiet vulnerabbli tal-ħamrija u/jew tal-klima; — protezzjoni ta' organiżmi akkwatiċi. <p>L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni jinkludu l-miżuri li jtaffu l-effetti fejn meħtieġ (pereżempju żoni ta' lqugħ, fil-kultivazzjoni tar-ross, perjodi minimi ta' żamma tal-ilma qabel ir-rilaxx).</p> <p>L-Istati Membri kkonċernati għandhom jeħtieġu li jitressqu studji ulterjuri qabel ma jiffinalizzaw l-valutazzjoni tar-riskju dwar l-organiżmi akkwatiċi, u studji ulterjuri biex titlesta l-identifikazzjoni tal-prodotti tad-degradazzjoni tal-fotoliżi akkwea tas-sustanza. Għandhom jiżguraw li n-notifikanti jipprovdu dawn l-istudji lill-Kummissjoni sal-31 ta' Ottubru 2012."</p>

⁽¹⁾ Jinsabu iżjed dettalji dwar l-identità u l-ispeċifikazzjoni tas-sustanza attiva fir-rapport tar-reviżjoni.

DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2010/55/UE

tal-20 ta' Awwissu 2010

li temenda l-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE biex iġġedded l-inklużjoni tal-azoxystrobin bħala sustanza attiva

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tagħha,

Billi:

- (1) L-inklużjoni tal-azoxystrobin fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2011. Tressqet notifika skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 737/2007 tas-27 ta' Ġunju 2007 dwar l-istabbiliment tal-proċedura għat-tiġdid tal-inklużjoni tal-ewwel grupp ta' sustanzi attivi fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE u li jistabbilixxi l-lista ta' dawk is-sustanzi⁽²⁾ għat-tiġdid tal-inklużjoni tal-azoxystrobin bħala sustanza attiva fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE fil-perjodu ta' żmien previst f'dak l-Artikolu.
- (2) Dik in-notifika nstabt li hija ammissibbli permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/656/KE tat-28 ta' Lulju 2008 dwar l-ammissibilità tan-notifiki dwar it-tiġdid tal-inklużjoni fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tas-sustanzi attivi azimsulfuron, azoxystrobin, fluroxypyr, imazalil, kresoxim-methyl, prohexadion-calcium u spiroxamin, u t-twaqqif tal-lista tan-notifikanti kkonċernati⁽³⁾.
- (3) Fil-perjodu ta' żmien previst fl-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 737/2007, in-notifikant ressaq id-dejta obligata skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 737/2007 flimkien mal-ispejgazzjoni f'dak li għandu x'jaqsam mar-relevanza ta' kull studju ġdid li tressaq.
- (4) L-Istat Membru relatur ħejja rapport tal-valutazzjoni b'konsultazzjoni mal-Istat Membru korelatur u ressq quddiem l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (minn issa 'l quddiem: "l-Awtorità") u l-Kummissjoni fl-10 ta' Ġunju 2009. Flimkien mal-valutazzjoni tas-sustanza, dak ir-rapport jinkludi lista tal-istudji li rabat fuqhom l-Istat Membru relatur għall-valutazzjoni tiegħu.

- (5) L-Awtorità kkomunikat ir-rapport tal-valutazzjoni lin-notifikant u lill-Istati Membri kollha, u kkomunikat il-kummenti li waslulha lill-Kummissjoni. L-Awtorità għamlet ukoll ir-rapport tal-valutazzjoni disponibbli għall-pubbliku.
- (6) Fuq talba tal-Kummissjoni, ir-rapport tal-valutazzjoni saritlu analiżi *inter pares* mill-Istati Membri u l-Awtorità, l-Awtorità ppreżentat il-konklużjoni tagħha fuq l-analiżi *inter pares* tal-valutazzjoni tar-riskju tal-azoxystrobin⁽⁴⁾ lill-Kummissjoni fis-6 ta' April 2010. Ir-rapport ta' valutazzjoni u l-konklużjoni mill-Awtorità ġew analizzati mill-Istati Membri u l-Kummissjoni fil-Kumitat Permanenti tal-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali u ġew iffinalizzati fid-9 ta' Lulju 2010 fil-format tar-rapport ta' analiżi tal-Kummissjoni dwar azoxystrobin.
- (7) Mill-investigazzjonijiet varji li saru ħareġ li l-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom l-azoxystrobin jistgħu jkunu mistennija li jissodisfaw, b'mod ġenerali, ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 5(1) (a) u (b) tad-Direttiva 91/414/KEE, b'mod partikolari fir-rigward tal-użi li ġew investigati u speċifikati fir-rapport ta' analiżi tal-Kummissjoni. Għalhekk huwa xieraq li tiġġedded l-inklużjoni tal-azoxystrobin fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE, biex jiġi żgurat li l-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom din is-sustanza attiva jkunu jistgħu jkomplu jiġu awtorizzati meta jikkonformaw ma' dik id-Direttiva.
- (8) Barra minn dan, l-analiżi stabbilixxiet li għas-sustanza attiva azoxystrobin li ġiet innotifikata mill-fornitura ewlieni tad-dejta, l-impurità tal-manifattura toluene hija ta' tħassib tossikoloġiku u għalhekk il-preżenza tagħha fil-materjal tekniku ma jridx jaqbeż il-livell massimu ta' 2 grammi għal kilogramm.
- (9) Mid-dejta għda li tressqet, jidher li l-azoxystrobin jista' jikkawża riskji għall-organiżmi akkwatiċi. Bla ħsara għall-konklużjoni li għandha tiġġedded l-inklużjoni tal-azoxystrobin, huwa għalhekk xieraq li tinkiseb informazzjoni ulterjuri dwar dawk il-punti speċifiċi. L-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 91/414/KEE jistipula li l-inklużjoni ta' sustanza fl-Anness I tista' tkun soġġetta għall-kondizzjonijiet. Għalhekk, huwa xieraq li n-notifikant jiġi obligat li jressaq informazzjoni ulterjuri biex jikkonferma r-riżultati tal-valutazzjoni tar-riskju abbażi tal-aktar għarfien xjentifiku riċenti fir-rigward tar-riskju għall-kontaminazzjoni tal-ilma ta' taħt l-art fir-rigward ta' xi prodotti minuri ta' trasformazzjoni tal-ħamrija u r-riskju għall-organiżmi akkwatiċi.

⁽¹⁾ ĠU L 230, 19.8.1991, p. 1.⁽²⁾ ĠU L 169, 29.6.2007, p. 10.⁽³⁾ ĠU L 214, 9.8.2008, p. 70.⁽⁴⁾ L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel; Konklużjoni dwar l-analiżi *inter pares* tal-valutazzjoni tar-riskju tal-pestiċida għas-sustanza attiva azoxystrobin fuq talba tal-Kummissjoni Ewropea, *EFSA Journal* 2010; 8(4):1542.

- (10) Għandu jitħalla jgħaddi perjodu raġjonevoli ta' żmien qabel ma sustanza attiva tiġi inkluża fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE biex jippermetti lill-Istati Membri u lill-partijiet interessati li jħejju lillhom infushom biex jikkonformaw mar-rekwiżiti l-ġodda li jirriżultaw mit-tiġdid.
- (11) Bla ħsara għall-obbligi definiti mid-Direttiva 91/414/KEE bħala konsegwenza tat-tiġdid tal-inklużjoni ta' sustanza attiva fl-Anness I tagħha, l-Istati Membri għandhom jingħataw perjodu ta' sitt xhur wara t-tiġdid biex janalizzaw l-awtorizzazzjonijiet tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom azoxystrobin biex jiżguraw li r-rekwiżiti stabbiliti fid-Direttiva 91/414/KEE, b'mod partikolari fl-Artikolu 13 tagħha u l-kondizzjonijiet rilevanti stabbiliti fl-Anness I ta' dik id-Direttiva, ikomplu jiġu sodisfatti. Kif xieraq, l-Istati Membri għandhom iġeddu, meta xieraq b'modifiki, jew jirrifutaw li jġeddu awtorizzazzjonijiet ġodda. Permezz ta' deroga minn dak il-limitu ta' żmien, għandu jiġi previst perjodu itwal biex jitressaq u jiġi vvalutat l-aġġornament tad-dossier komplut tal-Anness III għal kull prodott għall-protezzjoni tal-pjanti għal kull użu maħsub skont il-prinċipji uniformi stipulati fid-Direttiva 91/414/KEE.
- (12) Għaldaqstant huwa xieraq li d-Direttiva 91/414/KEE tiġi emendata skont dan.
- (13) Il-miżuri previsti f'din id-Direttiva huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Animali,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

L-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE huwa emendat skont l-Anness ta' din id-Direttiva.

Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippublikaw sa mhux iktar tard mill-31 ta' Jannar 2012 il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex ikunu konformi ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet, kif ukoll tabella ta' korrelazzjoni bejn dawk id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

Huma għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet mill-1 ta' Frar 2012.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati minn referenza bħal din fil-mument tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw kif għandha ssir din it-tip ta' referenza.

Artikolu 3

1. F'konformità mad-Direttiva 91/414/KEE, fejn ikun meħtieġ, l-Istati Membri għandhom jemendaw jew jirtiraw awtorizzazzjonijiet eżistenti għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom l-azoxystrobin bħala sustanza attiva sal-31 ta' Jannar 2012.

Sa dik id-data għandhom jivverifikaw b'mod partikolari li l-kondizzjonijiet fl-Anness I ta' dik id-Direttiva li għandhom x'jaqsmu mal-azoxystrobin jintlaħqu, bl-eċċezzjoni ta' dawk identifikati fil-parti B tal-entrata li tikkonċerna dik is-sustanza attiva, u li d-detentur tal-awtorizzazzjoni għandu, jew għandu aċċess għal, dossier li jissodisfa r-rekwiżiti tal-Anness II ta' dik id-Direttiva skont il-kondizzjonijiet tal-Artikolu 13 ta' dik id-Direttiva.

2. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 1, għal kull prodott awtorizzat għall-protezzjoni tal-pjanti li fih l-azoxystrobin bħala jew l-unika sustanza attiva inkella bħala waħda minn bosta sustanzi attivi li jkunu lkoll elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE sa mhux aktar tard mill-31 ta' Lulju 2011, l-Istati Membri għandhom jivvalutaw mill-ġdid il-prodotti, biex jieħdu inkunsiderazzjoni l-iżviluppi li sehew fl-għarfien xjentifiku u tekniku u f'konformità mal-prinċipji uniformi previsti fl-Anness VI tad-Direttiva 91/414/KEE, abbażi tad-dossier li jissodisfa r-rekwiżiti tal-Anness III ta' dik id-Direttiva u billi tittieħed inkunsiderazzjoni l-parti B tal-entrata fl-Anness I ta' dik id-Direttiva li tikkonċerna l-azoxystrobin. Abbażi ta' din il-valutazzjoni, għandhom jiddeterminaw jekk il-prodott għadux jissodisfa l-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 4(1)(b), (c), (d) u (e) tad-Direttiva 91/414/KEE. Wara dik id-determinazzjoni, l-Istati Membri għandhom jemendaw jew jirtiraw l-awtorizzazzjoni sal-31 ta' Lulju 2015.

3. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 1 u 2, għal kull prodott awtorizzat għall-protezzjoni tal-pjanti li fih l-azoxystrobin jew bħala l-unika sustanza attiva inkella bħala waħda minn bosta sustanzi attivi, li jkunu lkoll elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE sa mhux aktar tard mill-31 ta' Lulju 2011, u li mill-inqas waħda minnhom ġiet inkluża fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE bejn l-1 ta' Jannar 2009 u l-31 ta' Lulju 2011, l-Istati Membri għandhom jivvalutaw mill-ġdid il-prodott skont il-prinċipji uniformi previsti fl-Anness VI tad-Direttiva 91/414/KEE, abbażi ta' dossier li jissodisfa r-rekwiżiti tal-Anness III ta' dik id-Direttiva u billi tittieħed inkunsiderazzjoni l-parti B tal-entrata fl-Anness I ta' dik id-Direttiva li tikkonċerna l-azoxystrobin. Abbażi ta' dik il-valutazzjoni, għandhom jiddeterminaw jekk il-prodott jissodisfax il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4(1)(b), (c), (d) u (e) tad-Direttiva 91/414/KEE.

Wara dik id-determinazzjoni, l-Istati Membri għandhom, fejn meħtieġ, jemendaw jew jirtiraw l-awtorizzazzjoni sal-31 ta' Lulju 2015 jew sad-data stipulata għal emenda jew irtirar ta' dan it-tip fid-Direttiva jew id-Direttivi rispettivi li żiedu s-sustanza jew is-sustanzi rilevanti fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE, skont liema minnhom taħbat l-aħħar.

Artikolu 4

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Awwissu 2011.

Artikolu 5

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Awwissu 2010.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO

ANNEX

Fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE, ir-ringiela Nru 2 hi sostitwita b'dan li ġej:

Nru	Isem Komuni, Numri ta' Identifikazzjoni	Isem tal-IUPAC	Purità ⁽¹⁾	Dħul fis-seħħ	Skadenza għall-inklużjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
"2	Azoxystrobin Nru CAS 131860-33-8 Nru CIPAC 571	metil (E)-2-{2[6-(2-ċjanofenosi)pirimidin-4-ilossi]fenil}-3-metossijakrilat	≥ 930 g/kg Kontenut massimu ta' Toluwen 2 g/kg Iżomeru Z kontenut massimu 25 g/kg	fl-1 ta' Awwissu 2011.	fil-31 ta' Lulju 2021.	PARTI A L-użi bħala fungicida biss jistgħu jiġu awtorizzati. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi tal-Anness VI, il-konklużjonijiet tar-rapport tal-analiżi dwar l-azoxystrobin u b'mod partikolari l-Appendiċi I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fid-9 ta' Lulju 2010. Fdin il-valutazzjoni globali l-Istati Membri jridu jagħtu attenzjoni partikolari għal: — l-ispeċifikazzjoni tal-materjal tekniku kif immanifatturat kummerċjalment irid jiġi kkonfermat u appoġġjat b'dejta analitika xierqa. Il-materjal tat-test użat fid-dossiers tat-tossiċità għandu jiġi pparagunat u vverifikat ma' din l-ispeċifikazzjoni tal-materjal tekniku; — il-potenzjal ta' kontaminazzjoni tal-ilma ta' taħt l-art, meta s-sustanza attiva tiġi applikata freġjuni b'kundizzjonijiet vulnerabbli tal-ħamrija u/jew tal-klima; — il-protezzjoni ta' organiżmi akkwatiċi. L-Istat Membru jrid jiżgura li l-kondizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni jinkludu miżuri ta' taffija tar-riskju, meta xieraq, bħalma huma żoni ta' paraventu. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jitolbu biex jitressqu studji ulterjuri biex jikkonfermaw il-valutazzjoni tar-riskju għall-ilma ta' taħt l-art u l-organiżmi akkwatiċi. Huma għandhom jiżguraw li n-notifikanti jipprovdu studji bħal dawn lill-Kummissjoni sal-31 ta' Ottubru 2012."

⁽¹⁾ Iżjed dettalji dwar l-identità u l-ispeċifikazzjoni tas-sustanza attiva jingħataw fir-rapport tal-analiżi.

DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2010/56/UE

tal-20 ta' Awwissu 2010

li temenda l-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE biex iġġedded l-inklużjoni tal-proeżadjun
bħala sustanza attiva

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tagħha,

Billi:

- (1) L-inklużjoni tal-proeżadjun (qabel kien magħruf bħala kalċju-proeżadjun) fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2011. Ġiet sottomessa notifika skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 737/2007 tas-27 ta' Ġunju 2007 dwar l-istabbiliment tal-proċedura għat-tiġdid tal-inklużjoni tal-ewwel grupp ta' sustanzi attivi fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE u li jstabbilixxi l-lista ta' dawk is-sustanzi⁽²⁾ għat-tiġdid tal-inklużjoni tal-proeżadjun bħala sustanza attiva fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE fil-perjodu ta' żmien stipulat f'dak l-Artikolu.
- (2) In-notifika nstab li kienet ammissibbli skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/656/KE tat-28 ta' Lulju 2008 dwar l-ammissibilità tan-notifiki dwar it-tiġdid tal-inklużjoni fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tas-sustanzi attivi azimsulfuron, azoxystrobin, fluroxypyr, imazalil, kresoxim-methyl, prohexadion-calcium u spiroxamin, u t-twaqqif tal-lista tan-notifikanti kkonċernati⁽³⁾.
- (3) Fil-perjodu ta' żmien stipulat fl-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 737/2007, in-notifikant ippreżenta d-dejta meħtieġa skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 737/2007, flimkien ma' spjegazzjoni rigward ir-rilevanza ta' kull studju ġdid ippreżentat.
- (4) L-Istat Membru relatur ħejja rapport ta' valutazzjoni b'konsultazzjoni mal-Istat Membru korelatur u ppreżentah lill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (minn hawn 'il quddiem: 'l-Awtorità') u lill-Kummissjoni fit-22 ta' Mejju 2009. Flimkien mal-valutazzjoni tas-sustanza, dak ir-rapport jinkludi lista tal-istudji li l-Istat Membru relatur ibbaża l-valutazzjoni tiegħu fuqhom.
- (5) L-Awtorità kkomunikat ir-rapport ta' valutazzjoni lin-notifikant u lill-Istati Membri kollha u resset il-kummenti li waslulha lill-Kummissjoni. L-Awtorità għamlet ukoll ir-rapport ta' valutazzjoni disponibbli għall-pubbliku.

(6) Fuq talba tal-Kummissjoni, ir-rapport ta' valutazzjoni saritlu revizzjoni bejn il-pari mill-Istati Membri u mill-Awtorità, l-Awtorità ppreżentat il-konklużjonijiet tagħha dwar ir-reviżjoni bejn il-pari tal-valutazzjoni tar-riskju tal-proeżadjun (meqjus bħala varjanti tal-kalċju-proeżadjun)⁽⁴⁾ lill-Kummissjoni fis-6 ta' April 2010. Ir-rapport ta' valutazzjoni u l-konklużjoni tal-Awtorità ġew irrevuduti mill-Istati Membri u l-Kummissjoni fi ħdan il-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Animali u ffinalizzati fid-9 ta' Lulju 2010 fil-format tar-rapport ta' revizzjoni tal-Kummissjoni għall-proeżadjun.

(7) Ħareġ ċar mill-bosta eżamijiet li saru li l-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom il-proeżadjun jistgħu jkunu mistennija li se jkomplu jissodisfaw, b'mod ġenerali, ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 5(1)(a) u (b) tad-Direttiva 91/414/KEE, b'mod partikolari fir-rigward tal-użi li ġew eżaminati u mniżżla fid-dettal fir-rapport ta' revizzjoni tal-Kummissjoni. Għaldaqstant, huwa xieraq li tiġi mġedda l-inklużjoni tal-proeżadjun fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE, biex jiġi żgurat li l-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li jkollhom fihom din is-sustanza attiva jistgħu jkomplu jiġu awtorizzati meta jkunu konformi ma' dik id-Direttiva.

(8) Għandu jitħalla jgħaddi perjodu raġonevoli ta' żmien qabel ma l-inklużjoni ta' sustanza attiva fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE tiġi mġedda sabiex l-Istati Membri u l-partijiet interessati jkunu jistgħu jħejju ruħhom biex jikkonformaw mar-rekwiżiti l-ġodda li jirriżultaw mit-tiġdid.

(9) Bla ħsara għall-obbligi ddefiniti mid-Direttiva 91/414/KEE b'konsegwenza tat-tiġdid tal-inklużjoni ta' sustanza attiva fl-Anness I tagħha, l-Istati Membri għandhom jingħataw perjodu ta' sitt xhur wara t-tiġdid biex jirrevedu l-awtorizzazzjonijiet ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom il-proeżadjun sabiex jiżguraw li r-rekwiżiti stabbiliti fid-Direttiva 91/414/KEE, b'mod partikolari fl-Artikolu 13 tagħha, u l-kundizzjonijiet rilevanti stipulati fl-Anness I ta' dik id-Direttiva, ikomplu jiġu sodisfatti. Kif xieraq, l-Istati Membri għandhom iġeddu, u fejn xieraq b'modifiki, jew jirrifjutaw li jġeddu l-awtorizzazzjonijiet. Permezz ta' deroga minn dik l-iskadenza, għandu jiġi pprovdut perjodu itwal għas-sottomissjoni u għall-valutazzjoni tal-aġġornament tal-falj komplut tal-Anness III għal kull prodott għall-protezzjoni tal-pjanti għal kull użu intenzjonat skont il-prinċipji uniformi stipulati fid-Direttiva 91/414/KEE.

⁽¹⁾ ĠU L 230, 19.8.1991, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 169, 29.6.2007, p. 10.

⁽³⁾ ĠU L 214, 9.8.2008, p. 70.

⁽⁴⁾ L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel; Konklużjoni dwar ir-reviżjoni bejn il-pari tal-valutazzjoni tar-riskju tal-pestiċidi tas-sustanza attiva proeżadjun fuq talba tal-Ġurnal tal-EFSA tal-Kummissjoni Ewropea 2010; 8(3):1555.

- (10) Għaldaqstant huwa xieraq li d-Direttiva 91/414/KEE tiġi emendata skont dan.
- (11) Il-miżuri stipulati f'din id-Direttiva huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Animali,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

L-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE huwa emendat skont l-Anness ta' din id-Direttiva.

Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom jadottaw u jipubblikaw sa mhux iktar tard mill-31 ta' Jannar 2012 il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex ikunu konformi ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet, kif ukoll tabella ta' korrelazzjoni bejn dawk id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

Huma għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet mill-1 ta' Frar 2012.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati minn tali referenza fil-waqt tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw kif għandha ssir din ir-referenza.

Artikolu 3

1. L-Istati Membri għandhom, b'konformità mad-Direttiva 91/414/KEE u fejn hu meħtieġ, jemendaw jew jirtiraw l-awtorizzazzjonijiet eżistenti għall-prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom il-proeżadju bħala sustanza attiva sal-31 ta' Jannar 2012.

Sa dik id-data huma għandhom b'mod partikolari jivverifikaw li l-kundizzjonijiet fl-Anness I ta' dik id-Direttiva marbuta mal-proeżadju, bl-eċċezzjoni ta' dawk identifikati fil-parti B tal-annotazzjoni li tikkonċerna dik is-sustanza attiva, jintlaħqu u li d-detentur tal-awtorizzazzjoni jkollu f'idejha, jew ikollu aċċess għad-dossier li jissodisfa r-rekwiżiti tal-Anness II ta' dik id-Direttiva skont il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 13 ta' dik id-Direttiva.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, għal kull prodott awtorizzat għall-protezzjoni tal-pjanti li fih il-proeżadju jew bħala l-unika sustanza attiva jew bħala waħda minn bosta sustanzi

attivi li jkunu kollha elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE sa mhux aktar tard mill-31 ta' Lulju 2011, l-Istati Membri għandhom, fejn ikun meħtieġ, jivvalutaw mill-ġdid il-prodotti biex iqisu l-iżviluppi li sehew fl-għarfien xjentifiku u tekniku u skont il-prinċipji uniformi stipulati fl-Anness VI tad-Direttiva 91/414/KEE, fuq il-bażi ta' dossier li jissodisfa r-rekwiżiti tal-Anness III ta' dik id-Direttiva u billi titqies il-parti B tal-annotazzjoni fl-Anness I ta' dik id-Direttiva li tikkonċerna l-proeżadju. Fuq il-bażi ta' dik il-valutazzjoni, dawn għandhom jistabbilixxu jekk il-prodott ikunx għadu jissodisfa l-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 4(1)(b), (c), (d) u (e) tad-Direttiva 91/414/KEE. Wara dik id-determinazzjoni l-Istati Membri għandhom, fejn ikun meħtieġ, jemendaw jew jirtiraw l-awtorizzazzjoni sal-31 ta' Lulju 2015.

3. B'deroga mill-paragrafi 1 u 2, għal kull prodott awtorizzat għall-protezzjoni tal-pjanti li fih il-proeżadju bħala waħda minn diversi sustanzi attivi, li kollha jkunu elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE sa mhux aktar tard mill-31 ta' Lulju 2011, u li mill-inqas wieħed minnhom kien inkluż fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE bejn l-1 ta' Jannar 2009 u l-31 ta' Lulju 2011, l-Istati Membri għandhom jivvalutaw mill-ġdid il-prodott skont il-prinċipji uniformi stipulati fl-Anness VI tad-Direttiva 91/414/KEE, fuq il-bażi ta' dossier li jissodisfa r-rekwiżiti tal-Anness III ta' dik id-Direttiva u b'kunsiderazzjoni tal-parti B tal-annotazzjoni fl-Anness I ta' dik id-Direttiva dwar il-proeżadju. Fuq il-bażi ta' din il-valutazzjoni, għandhom jistabbilixxu jekk il-prodott jissodisfax il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 4(1)(b), (c), (d) u (e) tad-Direttiva 91/414/KEE.

Wara dik id-determinazzjoni l-Istati Membri għandhom, fejn ikun meħtieġ, jemendaw jew jirtiraw l-awtorizzazzjoni sal-31 ta' Lulju 2015 jew sad-data ffissata għal tali emenda jew irtirar fid-Direttiva jew Direttivi rispettivi li żiedu s-sustanza jew is-sustanzi rilevanti fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE, skont liema waħda hi l-aktar riċenti.

Artikolu 4

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Awwissu 2011.

Artikolu 5

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Awwissu 2010.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

ANNEX

Fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE, ir-ringiela Nru 8 hi sostitwita b'dan li ġej:

Nru	Isem Komuni, Numri ta' Identifikazzjoni	Isem skont I-IUPAC	Purità ⁽¹⁾	Dħul fis-seħħ	Skadenza tal- inklużjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
"8	proeżadjun CAS Nru 127277-53-6 (kalċju proeżadjun) CIPAC Nru 567 (proeżadjun) Nru 567.020 (kalċju proeżadjun)	3,5-dioxo-4-aċidu propjonilcikloezankarbossiliku	≥ 890 g/kg (espress bħala kalċju proeżadjun)	fl-1 ta' Awwissu 2011.	fil-31 ta' Lulju 2021.	PARTI A Jistgħu jiġu awtorizzati biss l-użi bħala regolatur tal-iżvilupp tal-pjanti. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi tal-Anness VI, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-proeżadjun u b'mod partikolari l-Appendiċi I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fid-9 ta' Lulju 2010."

⁽¹⁾ Aktar dettalji dwar l-identità u l-ispeċifikazzjoni tas-sustanza attiva jinsabu fir-rapport ta' reviżjoni.

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-20 ta' Awwissu 2010

li temenda d-Deċiżjonijiet 92/260/KEE, 93/195/KEE, 93/197/KEE u 2004/211/KE fir-rigward ta' ammissjoni temporanja, dħul mill-ġdid wara esportazzjonijiet u importazzjonijiet temporanji ta' żwiemel reġistrati u importazzjonijiet ta' semen tal-ispeċi ekwini minn ċerti partijiet tal-Eġittu

(notifikata bid-dokument numru C(2010) 5703)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2010/463/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/426/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali li jirregolaw il-moviment u l-importazzjoni tal-ekwidi minn pajjiżi terzi ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 12(1) u (4), punt (a) tal-Artikolu 15, l-Artikolu 16(19) u l-fażi introduttorja u l-punti (i) u (ii) tal-Artikolu 19 tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE tat-13 ta' Lulju 1992 li tistabbilixxi l-ħtiġijiet dwar saħħa tal-annimali li jirregolaw il-kummerċ u l-importazzjoni fil-Komunità ta' annimali, semen, ova u embrijuni mhux suġġetti għal ħtiġijiet ta' saħħa tal-annimali meħtieġa f'regoli speċifiċi tal-Komunità li hemm referenza għalihom fl-Anness A(l) tad-Direttiva 90/425/KEE ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 17(3)(a) tagħha,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 92/260/KEE tal-10 ta' April 1992 dwar kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali u ċertifikazzjoni veterinarja għal dħul temporanju ta' żwiemel irreġistrati ⁽³⁾ tagħti kompiti lil pajjiżi terzi, li minnhom ikun għe awtorizzat id-dħul temporanju fl-Unjoni ta' żwiemel irreġistrati, lil gruppi sanitarji ta' pajjiżi għall-applikazzjoni ta' ħtiġijiet speċifiċi tas-saħħa tal-annimali u taċ-ċertifikazzjoni. Il-lista, stabbilita fl-Anness I tad-Deċiżjoni, tpoġġi wkoll dawk il-pajjiżi terzi u partijiet minnhom f'ċerti gruppi sanitarji minn A sa F. Ċerti partijiet tal-Eġittu bħalissa huma inklużi fil-grupp sanitarju E.
- (2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/195/KEE tat-2 ta' Frar 1993 dwar is-saħħa tal-annimali u l-kundizzjonijiet tagħhom u ċ-ċertifikazzjoni veterinarja tagħhom għad-dħul mill-ġdid ta' żwiemel irreġistrati għat-tiġrijiet,

kompetizzjonijiet u okkażjonijiet kulturali wara esportazzjoni temporanja ⁽⁴⁾ tistabbilixxi lista ta' pajjiżi terzi li minnhom id-dħul mill-ġdid fl-Unjoni ta' tali żwiemel irreġistrati irid ikun awtorizzat flimkien mal-ħtiġijiet taċ-ċertifikazzjoni. Il-lista, stabbilita fl-Anness I tad-Deċiżjoni, tpoġġi wkoll dawk il-pajjiżi terzi u partijiet minnhom f'ċerti gruppi sanitarji minn A sa E. Ċerti partijiet tal-Eġittu bħalissa huma inklużi fil-grupp sanitarju E.

- (3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/197/KEE tal-5 ta' Frar 1993 fuq il-kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali u ċ-ċertifikazzjoni tal-veterinarju għall-importazzjoni ta' annimali tar-razza tal-ekwidi rreġistrati għat-tnissil u produzzjoni ⁽⁵⁾ tistabbilixxi lista ta' pajjiżi terzi li minnhom id-dħul mill-ġdid fl-Unjoni ta' tali ekwidi rreġistrati irid ikun awtorizzat flimkien mal-ħtiġijiet taċ-ċertifikazzjoni. Il-lista, stabbilita fl-Anness I tad-Deċiżjoni, tpoġġi wkoll dawk il-pajjiżi terzi u partijiet tagħhom f'ċerti gruppi sanitarji minn A sa G. Ċerti partijiet tal-Eġittu bħalissa huma inklużi fil-grupp sanitarju E għal importazzjonijiet fl-Unjoni ta' żwiemel irreġistrati.
- (4) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/211/KEE tas-6 ta' Jannar 2004 li tistabbilixxi l-lista ta' pajjiżi terzi u ta' partijiet mit-territorju tagħhom li minnhom l-Istati Membri jawtorizzaw l-importazzjoni ta' equidi ħajjin u ta' semen, ova u embrijuni tal-ispeċi ekwina ⁽⁶⁾ tistabbilixxi lista ta' pajjiżi terzi, jew partijiet minnhom fejn tapplika r-reġjonalizzazzjoni, li minnhom l-Istati Membri jawtorizzaw l-importazzjoni ta' equidae ħajjin u ta' semen, ova u embrijuni tagħhom, u tindika l-kundizzjonijiet l-oħra applikabbli għal importazzjonijiet bħal dawn. Dawn il-kundizzjonijiet huma stabbiliti wara li jitqiesu l-gruppi sanitarji differenti stabbiliti fid-Deċiżjonijiet 92/260/KEE, 93/195/KEE u 93/197/KEE li huma indikati fil-kolonna 5 tal-Anness I tad-Deċiżjoni 2004/211/KE.
- (5) F'Ġunju 2010, il-Kummissjoni wettqet spezzjoni veterinarja fl-Eġittu. Ir-riżultati tal-isepezzjoni kienu sodisfaċenti. Numru ta' nuqqasijiet sostanzjali kienu identifikati fir-rigward tal-kontrolli tal-moviment tal-ekwidi minn

⁽¹⁾ ĠU L 224, 18.8.1990, p. 42.

⁽²⁾ ĠU L 268, 14.9.1992, p. 54.

⁽³⁾ ĠU L 130, 15.5.1992, p. 67.

⁽⁴⁾ ĠU L 86, 6.4.1993, p. 1.

⁽⁵⁾ ĠU L 86, 6.4.1993, p. 16.

⁽⁶⁾ ĠU L 73, 11.3.2004, p. 1.

partijiet oġra tal-Eġittu f'żoni elenkati fid-Deċiżjoni 2004/211/KE b'halha eliġibbli għall-esportazzjoni fl-Unjoni, il-proċeduri ta' ċertifikazzjoni u l-politika ta' dak il-pajjiż terz fir-rigward ta' importazzjoni minn żoni infettati bi jew fir-riskju tal-mard taż-żiemel Afrikan.

- (6) Dik is-sitwazzjoni tista' tikkostitwixxi riskju serju għas-saħħa tal-annimali għall-popolazzjoni tal-ekwini fl-Unjoni u għalhekk id-dħul temporanju, id-dħul mill-ġdid wara esportazzjoni temporanja u l-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' żwiemel irreġistrati u l-importazzjonijiet tas-semen tal-annimali tal-ispeċi tal-ekwini mill-Eġittu għandha tkun sospiża.
- (7) Għalhekk għandhom jiġu emendati kif inhu xieraq id-Deċiżjonijiet 92/260/KEE, 93/195/KEE, 93/197/KEE u 2004/211/KE.
- (8) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fl-Anness I tad-Deċiżjoni 92/260/KEE, fil-Grupp Sanitarju E, l-entrata għall-Eġittu titħassar.

Artikolu 2

Fl-Anness I tad-Deċiżjoni 93/195/KEE, fil-Grupp Sanitarju E, l-entrata għall-Eġittu titħassar.

Artikolu 3

Fl-Anness I tad-Deċiżjoni 93/197/KEE, fil-Grupp Sanitarju E, l-entrata għall-Eġittu titħassar.

Artikolu 4

Fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2004/211/KE l-entrata għall-Eġittu tinbidel b'dan li ġej:

"EG	L-Eġittu	EG-0	Il-pajjiż kollu	—	—	—	—	—	—	—	—	—	—
		EG-1	Il-Governorati ta' Lixandra, Beheira, Krafr el Sheikh, Damietta, Dakahlia, Port-Said, Sharkia, Gharbia, Menoufia, Kalioubia, Ishmailia, It-Tramuntana tas-Sinai, in-Nofsinhar tas-Sinai, il-Kajr (b'halha l-Kajr Akbar li jinkludi l-belt ta' Giza), Suez, Marsa Martrouh, Fayoum, Giza u Beni Suef	—	—	—	—	—	—	—	—	—	—

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Awwissu 2010.

Għall-Kummissjoni

John DALLI

Membru tal-Kummissjoni

RETTIFIKA

Rettifika għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 72/2009 tad-19 ta' Jannar 2009 dwar modifiki għall-Politika Agrikola Komuni billi jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 247/2006, (KE) Nru 320/2006, (KE) Nru 1405/2006, (KE) Nru 1234/2007, (KE) Nru 3/2008, u (KE) Nru 479/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 1883/78, (KEE) Nru 1254/89, (KEE) Nru 2247/89, (KEE) Nru 2055/93, (KE) Nru 1868/94, (KE) Nru 2596/97, (KE) Nru 1182/2005 u (KE) Nru 315/2007

(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 30, tal-31 ta' Jannar 2009)

Fpaġna 10, Artikolu 4 (Emendi għar-Regolament (KE) Nru 1234/2007) Il-punt li jmiss għandu jiġi mdaħħal:

“39a) Punt A.II tal-Anness XI għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) it-titlu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

‘It-tqassim tal-kwantità massima garantita għal kull sena ta' kummerċjalizzazzjoni mill-2009/2010 sal-2011/2012 għall-kittien ta' fibri qosra u fibri tal-qanneb bejn l-Istati Membri msemmija fl-Artikolu 94(1a)‘;

(b) il-punt (b) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

‘(b) 5 000 tunnellata li għandhom jiġu mqassma fi kwantitajiet nazzjonali garantiti għal kull sena ta' kummerċjalizzazzjoni mill-2009/2010 sal-2011/2012 bejn id-Danimarka, l-Irlanda, il-Greċja, l-Italja u l-Lussemburgu. Tali tqassim għandu jiġi determinat fuq bażi taż-żoni li kienu s-soġġetti ta' wieħed mill-kuntratti jew impenji kif imsemmija fl-Artikolu 91(1).’”

PREZZ TAL-ABBONAMENT 2010 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	1 100 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, stampati + CD-ROM annwali	22 lingwa uffiċjali tal-UE	1 200 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	770 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, CD-ROM fix-xahar (kumulattiva)	22 lingwa uffiċjali tal-UE	400 EUR fis-sena
Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, CD-ROM, żewġ edizzjonijiet fil-ġimgħa	multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE	300 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet	Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni	50 EUR fis-sena

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Komunikazzjoni u Informazzjoni).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jstipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S – Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'CD-ROM waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jaġhti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Il-formati tas-CD-Rom se jinbidlu bil-formati tad-DVD matul l-2010.

Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, b'ħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu>) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.

Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: <http://europa.eu>



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT